KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.06.2006
KUMM(2006) 342 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Reviżjoni tad-derogi**
**fl-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE**
**li jiskadu sa l-aħħar ta' l-2006**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Reviżjoni tad-derogi**
**fl-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE**
**li jiskadu sa l-aħħar ta' l-2006**

## WERREJ


1. Introduzzjoni ........................................................................................ 3

2. L-assessjar tad-derogi............................................................................. 4

2.1. Derogi li l-għanijiet tagħhom huma meqjusa permezz tal-flessibilità offruta mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija ......................... 5

2.1.1. Id-differenza fir-rati skond l-Artikolu 5 ...................................................... 5

2.1.2. Il-każ speċifiku tat-trasport pubbliku ......................................................... 6

2.1.3. Id-differenza fit-taxxa li tapplika għal ċerti prodotti ta' l-enerġija (partikolarment l-Artikoli 15 u 16)........................................................................................ 6

2.1.4. Id-differenza fit-taxxa għall-użi kummerċjali/industrijali u tan-negozju.................... 7

2.2. Derogi li jikkorrispondu ma' l-għanijiet mhux meqjusa mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva ........................................................................................ 8

2.2.1. Karburant użat għan-navigazzjoni bl-ajru privata għal divertiment ............................ 8

2.2.2. Karburant użat minn dgħajjes privati għal divertiment............................................. 10

2.2.3. Żjut użati ........................................................................................ 11

2.2.4. Derogi b'ambitu reġjonali ........................................................................ 13

2.2.5. Derogi diversi.................................................................................... 13

3. Konklużjonijiet.................................................................................... 13

## 1. INTRODUZZJONI

It-tassazzjoni fuq il-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku fil-Komunità hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE[1] li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija" jew id-"Direttiva"). Din id-Direttiva tistipola l-prodotti taxxabbli kkonċernati, l-użi li jagħmluhom soġġetti għat-taxxa u r-rati minimi tat-tassazzjoni applikabbli għal kull prodott li jiddependu fuq jekk hux użat bħala *propellant*, għal ċerti għanijiet industijali u kummerċjali jew għat-tisħin. Tistipola wkoll xi eżenzjonijiet obbligatorji mir-regoli normali tat-tassazzjoni, u barra minn hekk, fiha firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet mhux obbligatorji, li jagħtu lill-Istati Membri l-possibbiltà li japplikaw rati mnaqqsa ta' tassazzjoni jew eżenzjoni mit-tassazzjoni għal ċerti għanijiet ta' politika.

Barra minn hekk, fl-Annessi II u II tagħha, id-Direttiva fiha 127 deroga addizzjonali li jkomplu jawtorizzaw lill-Istati Membri biex japplikaw rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet mit-tassazzjoni fuq l-enerġija għal prodotti u għanijiet varji[2]. Uħud mid-derogi diġà skadew u 111 oħra se jiskadu fil- 31 ta' Diċembru 2006.

Oriġinarjament, il-biċċa l-kbira tad-derogi fl-Anness II tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija kienu awtorizzati skond l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali[3] (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva dwar iż-Żjut Minerali"); ġew estiżi għall-aħħar darba fl-2001[4] u (b'emendi żgħar) kienu inkorporati fid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija bil-għan li jiskadu, ħafna drabi, sa l-aħħar ta' l-2006. Skema simili ġiet imnedija fl-Anness III tad-Direttiva għall-Istati Membri li ssieħbu fil-Komunità fl-2004[5].

Il-Kummissjoni tanalizza d-derogi li jiskadu sa l-aħħar ta' l-2006, fil-qafas ta' l-Artikoli 18(1), is-subparagrafu 2, u 18a(1), is-subparagrafu 2, tad-Direttiva[6]. Bi tħejjija għal din il-

---

1 Id-Direttiva 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003 p. 51; Id-Direttiva kif emendata mid-Direttivi 2004/47/KE u 2004/75/KE (ĠU L 157, it-30 ta' April 2004, p. 87 u p.100).

2 Ta' min isemmi li skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva, ingħataw tliet derogi lill-Franza, l-Iżvezja u r-Renju Unit mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Dawn mhumiex soġġetti għal din ir-reviżjoni.

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali (ĠU L 316, 31.10.1992); Id-Direttiva rrevokata flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali mill-31 ta' Diċembru 2003 permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/224/KEE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rati mnaqqsa tat-taxxa tas-sisa u l-eżenzjonijiet minn din it-taxxa fuq ċerti żjut minerali meta jintużaw għal skopijiet speċifiċi (ĠU L 84 tat-23 ta' Marzu 2001, p. 23).

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/74/KE tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva 2003/96/KE rigward il-possibbiltà ta' ċerti Stati Membri li japplikaw, rigward il-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku, eżenzjonijiet temporanji jew riduzzjonijiet fil-livelli tat-tassazzjoni. Barra minn hekk, iż-żewġ Stati Membri ġew mogħtija perjodi tranżitorji ta' sena direttament fit-Trattat ta' l-Adeżjoni (dawn jaqgħu barra l-ambitu ta' din ir-reviżjoni).

6 Il-kliem ta' l-Artikoli 18(1) u 18a(1) huma ispirati mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/224/KE. L-Artikolu 1, paragrafu 2 ta' din id-deċiżjoni għandu jitqies fl-isfond tad-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali li pprevediet biss għal numru limitat ta' eżenzjonijiet jew tnaqqis mhux obbligatorji. Għalhekk, f'numru importanti ta' każijiet, l-Istati Membri setgħu jimxu ma' għanijiet ta' politika partikolari biss permezz ta' derogi individwali, partikolarment fil-qasam ta' l-ambjent. Din is-sitwazzjoni nbidlet bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija, li hi nnifisha toffri firxa wiesgħa' ta' possibilitajiet għall-għoti ta' eżenzjonijiet jew tnaqqis għal numru ta' raġunijiet ta' politika.

Komunikazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu analiżi ddettaljata tad-derogi kollha wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri kkonċernati. Fid-dawl ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva (barra l-Annessi II u III) iqisu b'mod xieraq bosta mis-sitwazzjonijiet li jixirqilhom trattament partikolari. Minkejja dan, l-Istati Membri huma liberi li jikkunsidraw taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess, u fid-dawl ta' din il-Komunikazzjoni, jekk jixtiqux japplikaw għal estensjoni ta' kwalunkwe mid-derogi bl-użu tal-possibilitajiet offruti mill-bażi ġuridika l-ġdida (l-Artikolu 19).

## 2. L-ASSESSJAR TAD-DEROGI

Id-derogi fl-Annessi II u III li jiskadu sa l-aħħar ta' l-2006 jistgħu jitqassmu f'erba' kategoriji[7]:

### (1) Id-derogi li għandhom x'jaqsmu ma' sitwazzjonijiet barra l-ambitu tad-Direttiva

Din il-kategorija tikkonċerna użi mhux bħala karburant tal-prodotti ta' l-enerġija; l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija jeskludi tali użi mill-ambitu tad-Direttiva. M'hemmx bżonn jitqiesu iktar il-(ħames) derogi relatati.

### (2) Derogi li ħarġu mill-użu

Wara l-konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, ħareġ li talanqas 8 derogi ma għadhomx jiġu applikati għalkemm l-Istati Membri kkonċernati kienu awtorizzati japplikaw id-derogi in kwistjoni sa l-aħħar ta' l-2006. Hu meqjus li dawn m'għadhomx jikkorrispondu ma' ħtiġijiet konkreti ta' politika. Lanqas m'hemm il-bżonn li ssir xi analiżi partikolari ta' dawn id-derogi.

### (3) Derogi li qed jintużaw attwalment iżda li l-għanijiet tagħhom huma meqjusa permezz tal-flessibilità offruta mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva

F'numru kbir ta' każijiet (s'issa koperti mid-derogi) jista' jingħata trattament speċifiku tat-taxxa mill-Istati Membri b'xi mod jew ieħor skond l-artikoli varji tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija (mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat tat-Trattat). Madankollu, f'xi każijiet se jkunu meħtieġa aġġustamenti fl-iskemi sabiex dawn isiru konformi kompletament mad-Direttiva.

### (4) Derogi li jikkorrispondu ma' l-għanijiet mhux meqjusa mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva

Dan il-grupp fih 35 deroga oħra li l-Istati Membri għadhom japplikaw imma li, wara l-iskadenza tagħhom, mhux se jkollhom bażi ġuridika fid-Direttiva. Dawn id-derogi jkopru rati mnaqqsa tat-tassazzjoni u l-eżenzjonijiet:

- għall-karburant użat għan-navigazzjoni bl-ajru privata għal divertiment (10 każijiet);
- għall-karburant użat għan-navigazzjoni bil-baħar privata b'dgħajjes għal divertiment (6 każijiet);

---

7 Għal raġuni ta' sempliċità, il-Kummissjoni se tirreferi għall-partiti stipolati fl-Annessi II u III tad-Direttiva bħala "derogi", minkejja l-fatt li partita jew oħra propjament ma tistax tiddevja mill-iskema ġenerali tad-Direttiva (cf. partikolarment il-kategorija (3) hawn taħt)

– għal żjut użati li ntużaw mill-ġdid bħala karburant, jew direttament wara l-irkupru jew wara r-riċiklaġġ, u fejn l-użu mill-ġdid huwa soġġett għal dazju (11-il każ);

– għal skopijiet speċifiċi ta’ politika f’ċerti żoni ġeografiċi (6 każijiet);

– għal diversi skopijiet oħra (2 każi).

Il-kategoriji (3) u (4) se jkunu assessjati iktar fid-dettall fiż-żewġ subsezzjonijiet li ġejjin.

## 2.1. Derogi li l-għanijiet tagħhom jitqiesu permezz tal-flessibilità offruta mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija

Id-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija huma flessibbli biżżejjed biex jakkomodaw il-biċċa l-kbira ta’ l-għanijiet li l-Istati Membri jsegwu fil-kuntest tad-derogi eżistenti. Skond dawn id-dispożizzjonijiet, fil-fatt, l-Istati Membri jistgħu jirrikorru għad-differenza fit-taxxa skond il-kontroll fiskali għal skopijiet speċifiċi ta’ politika[8]. Madankollu, id-Direttiva teħtieġ l-iktar li jkunu rispettati l-livelli minimi ta’ tassazzjoni (u għalhekk l-għanijiet Komunitarji)[9]. Id-Direttiva tippermetti tnaqqis fit-taxxa taħt il-minima jew eżenzjoni sħiħa mit-taxxa f’numru limitat ta’ każijiet biss – partikolarment fejn tali approċċ jkun verament iġġustifikat, b’mod partikolari b’raġunijiet ambjentali iktar speċifiċi.

Din il-pożizzjoni, fejn il-livelli minimi ta’ tassazzjoni għandhom ikunu rrispettati bħala regola, tikkorrispondi għall-għanijiet tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija, jiġifieri t-titjib fil-funzjonament tas-suq intern u l-promozzjoni ta’ l-iżvilupp sostenibbli[10]. Kull waħda mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva għandha titqies f’dan l-isfond. Għalhekk, per eżempju, il-fatt li ċerti skopijiet tal-politika ekonomika jew soċjali jista' jiġġustifika d-differenzi fit-taxxa skond opinjonijiet nazzjonali (cf. l-Artikolu 5, it-tielet u r-raba' inċiżi), ma jfissirx li s-suq intern u t-tħassib dwar l-ambjent (riflessi fil-minima) ma jibqgħux relevanti.

F’dan li ġej, il-Kummissjoni tagħti ħarsa ġenerali tal-firxa wiesgħa ta’ għażliet għad-differenza fit-taxxa li huma permessi mid-Direttiva u li huma relevanti għall-iskop ta’ din ir-reviżjoni.

### *2.1.1. Id-differenza fir-rati skond l-Artikolu 5*

Skond l-Artikolu 5, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rati differenti ta’ tassazzjoni, basta tali differenza tkun kompatibbli mal-liġi Komunitarja (partikolarment il-politika dwar l-ambjent)

---

8 Ħafna mid-derogi mogħtija qabel kienu inkorporati direttament fid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija b’hekk l-Istati Membri setgħu japplikawhom skond il-kontroll fiskali, mingħajr il-bżonn ta’ approvazzjoni minn qabel mill-Kunsill fuq raġunijiet fiskali; iżda mingħajr preġudizzju għar-regoli ta’ l-għajnuna mill-Istat tal-Komunità.

9 Li jfisser jew il-livelli minimi ta’ tassazzjoni tal-Komunità, jew, f’ċerti każijiet, (per eżempju, l-Artikolu 5 tad-Direttiva) il-livelli minimi ta’ tassazzjoni preskritti mid-Direttiva, li tkopri wkoll sitwazzjonijiet fejn ġew mogħtija perjodi tranżitorji lill-Istati Membri sabiex jilħqu b’mod gradwali l-minima Komunitarji.

10 Id-Direttiva (is-sitt premessa) tirreferi b'mod espliċitu għall-Artikolu 6 tat-Trattat. Skond din id-dispożizzjoni, ir-rekwiżiti tal-ħarsien ta’ l-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Komunità, partikolarment bil-għan li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli.

u basta li huma jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti mid-Direttiva. Fost oħrajn, dan jirreferi għall-każijiet[11] li ġejjin:

*Id-differenza fir-rati abbażi tal-kwalità tal-prodott (l-Artikolu 5, l-ewwel inċiż)*

Din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tirrifletti karatteristiċi ambjentali differenti għal kategoriji varji ta' l-istess prodott imma għandha f'kull każ tkun limitata għad-differenza 'l fuq mil-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli.

*Id-differenza fir-rati għal ċerti tipi ta' użi (l-Artikolu 5, it-tielet inċiż)*

Skond din id-dispożizzjoni, vetturi tal-passiġġieri għat-trasport pubbliku *lokali* inklużi t-*taxis*, l-ambulanzi u l-vetturi użati mill-forzi armati, mill-amministrazzjoni pubblika, minn persuni b'diżabilità u għall-ġbir ta' l-iskart jistgħu jibbenefikaw minn livelli iktar baxxi ta' tassazzjoni ('il fuq mill-minima) mogħtija mill-Istati Membri tradizzjonalment għal skopijiet speċifiċi ta' politika (inkluż il-politika soċjali)[12].

*2.1.2. Il-każ speċifiku tat-trasport pubbliku*

Fir-rigward tat-trasport pubbliku in ġenerali, id-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija fiha dispożizzjonijiet li jistgħu jintużaw għall-promozzjoni tal-benefiċċji ambjentali u soċjali potenzjali tat-trasport pubbliku, billi jitqies l-impatt fuq l-ambjent tad-diversi mezzi ta' trasport. Skond l-Artikolu 5, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rati differenti ta' tassazzjoni (sal-minima) għall-karburant tal-magni kkonsmat mill-vetturi tal-passiġġieri għat-trasport pubbliku *lokali* inklużi t-*taxis*. L-Istati Membri jistgħu wkoll jeżentaw kompletament mit-tassazzjoni l-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku użat għall-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri b'dawk il-mezzi ta' trasport elenkati fl-Artikolu 15(1)(e) tad-Direttiva (il-ferrovija, il-metro, it-tramm u t-*trolley bus*). Barra minn hekk, l-Artikolu 7(2) fih dispożizzjoni mhux obbligatorja, fejn l-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiddiżakkoppjaw ir-rati tat-taxxa applikati fuq id-diżil (*gas oil*) użat għal skopijiet kemm kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali li jistgħu jwasslu għal titjib fil-pożizzjoni kompettitivà tal-karozzi tal-linja[13] meta mqabbla mal-karozzi privati.

*2.1.3. Id-differenza fit-taxxa li tapplika għal ċerti prodotti ta' l-enerġija (partikolarment l-Artikoli 15 u 16)*

Id-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija fiha wkoll diversi dispożizzjonijiet mhux obbligatorji, li jippermettu lill-Istati Membri japplikaw trattament tat-taxxa favorevoli għal ċerti prodotti fejn iġġustifikat, per eżempju għal raġunijiet ambjentali (partikolarment skond l-Artikoli 15 u 16). Ħafna drabi tali dispożizzjonijiet huma kundizzjonali u japplikaw biss għal użi speċifiċi tal-prodott.

---

11 Każijiet oħra huma meqjusa fis-subsezzjoni 2.1.4 hawn taħt.

12 Dan japplika b'mod indipendenti mill-fatt li d-dazju tas-sisa mħallas mill-korpi pubbliċi m'għandux impatt ġenerali fuq il-baġit ta' l-Istat.

13 Iddefiniti mid-Direttiva bħala vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri, kemm jekk b'servizz regolari jew okkażjonali, tal-kategorija M2 jew M3 kif speċifikat fid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 42, 23.2.1970, p.1; Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/64/KE (ĠU L 310, tal- 25 ta' Novembru 2005, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali wkoll kienu pjuttost limitati fl-ambitu u, bħala konsegwenza, diversi derogi ngħataw lill-Istati Membri matul is-snin[14].

Skond id-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali, il-gass naturali kien taxxabbli biss jekk użat bħala karburant għall-magni. F'każijiet bħal dawn, kien soġġett għal tassazzjoni bir-rata tal-karburant għall-magni ekwivalenti, i.e. l-*LPG*. Madankollu, bosta Stati Membri bbenefikaw fir-rigward tal-gass naturali u/jew l-*LPG* minn derogi skond id-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali. Bħala dispożizzjoni ġenerali korrispondenti, id-Direttiva dwar l-Enerġija fiha l-Artikolu 15(1)(i), fejn, skond il-kontroll fiskali, "il-gass naturali u l-*LPG* użati bħala *propellants*" jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell tat-tassazzjoni. Il-metanu, li kien imsemmi f'diversi derogi, ġeneralment użat fil-kuntest ta' *propellants*, ma jissemmiex fl-Artikolu 15(1)(i) tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija, iżda jista' jaqa' taħt l-Artikolu 16, taħt il-kundizzjonijiet stipolati fih. Jekk ikun meqjus li d-Direttiva ma tirriflettix biżżejjed il-benefiċċji ambjentali tal-metanu, tista' titqies l-adattament ta' l-Artikolu 15(1)(i), per eżempju.

Id-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija tistipola rati minimi Komunitarji pożittivi (għalkemm pjuttost baxxi) għall-użi kollha taxxabbli tal-gass naturali. Fl-istess ħin, fl-Artikolu 15 tagħha toffri diversi possibilitajiet għal trattament tat-taxxa iktar favorevoli għall-gass naturali jekk użat għal skopijiet ta' tisħin, billi jitqies li l-gass naturali ma kienx taxxabbli taħt il-qafas legali preċedenti. L-istess possibilitajiet japplikaw għal prodotti oħra taxxabbli ġodda, bħalma huma l-elettriku, il-faħam u l-karburanti solidi. Dawn id-dispożizzjonijiet huma mfassla għal każijiet fejn l-Istati Membri jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jadattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida.

Fl-aħħar, fir-rigward tal-bijokarburanti jew taħlititiet ta' karburanti oħra b'benefiċċju ambjentali, il-bijomassa u t-tipi rinnovabbli in ġenerali, l-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva fihom qafas komprensiv għall-għoti ta' trattament fiskali favorevoli għal tali prodotti f'każ li l-użu tagħhom isir taxxabbli skond id-Direttiva.

### *2.1.4. Id-differenza fit-taxxa għall-użi kummerċjali/industrijali u tan-negozju*

Diversi derogi tad-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali kienu jikkonċernaw tnaqqis fit-taxxa jew eżenzjonijiet mit-taxxa għall-konsum ta' prodotti taxxabbli mill-industrija u n-negozju in ġenerali. Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati fid-dettall fid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija, li fiha diversi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri japplikaw trattament iktar favorevoli għan-negozju jekk meħtieġ, per eżempju, għal raġunijiet ta' kompetittività.

Per eżempju, għal *użu bħala karburant għat-tisħin*, l-Artikolu 5 jippermetti lill-Istati Membri japplikaw livelli differenti ta' taxxa għal użi fin-negozju, kif ukoll mhux fin-negozju, ta' prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku b'livelli minimi iktar baxxi ta' tassazzjoni li japplikaw għall-użu fin-negozju. Fir-rigward ta' *użu bħala karburant għall-magni*, l-Artikolu 7(2) jippermetti differenza fit-taxxa għall-*gas oil* kummerċjali użat bħala *propellant*. L-Artikolu 8 jistipola livelli ta' tassazzjoni li huma notevolment iktar baxxi għall-karburanti għall-magni użati għal ċerti skopijiet agrikoli, kummerċjali u industrijali. Barra minn hekk, l-Artikolu 17 jippermetti lill-Istati Membri li jagħtu eżenzjonijiet totali jew parzjali mit-taxxa jew tnaqqis mid-dazju

[14] Dan ippermettielhom, per eżempju, japplikaw trattament preferenzjali tat-taxxa għal-LPG, il-metanu u l-gass naturali, jew għall-bijokarburanti.

tas-sisa applikat fuq il-prodotti ta' l-enerġija jew l-elettriku użat għal ċerti skopijiet u skond ċerti kundizzjonijiet. Flimkien ma' dan, ċerti *użi speċifiċi ħafna* tal-prodotti ta' l-enerġija mill-industrija għandhom dispożizzjonijiet partikolari stipolati fl-Artikolu 21 tad-Direttiva (b'mod partikolari fit-tielet paragrafu tiegħu).

Fl-aħħar, ta' min jerġa' jfakkar li l-uzi tal-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku mhux bħala karburant, bħalma hu l-ipproċessar industrijali, tħallew barra mill-ambitu tad-Direttiva, skond l-Artikolu 2(4).

## 2.2. Derogi li jikkorrispondu għal għanijiet mhux meqjusa mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva

Ċertu numru ta' derogi stipolati fl-Annessi II u III jikkorrispondu għall-għanijiet li mhumiex meqjusa mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva peress li jirriflettu kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika ta' Stati Membri partikolari. Il-Kummissjoni dejjem aċċettat li, inevitabbilment, il-qafas legali Komunitarju armonizzat jista' ma jirriflettix dejjem u b'mod sħiħ ċerti ħtiġijiet ta' Stati Membri u li konsegwentement, jista' jkun hemm il-ħtieġa għal derogi li jippermettu lill-Istati Membri kkonċernati biex jadattaw b'mod gradwali għal-liġi Komunitarja.

Għal dan l-iskop, id-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija fiha l-Artikolu 19, artikolu li fil-biċċa l-kbira jikkorrispondi ma' l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali, iżda b'kundizzjonijiet iktar stretti. Il-Kunsill jista' jawtorizza lill-Istati Membri biex jintroduċu iktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijijiet speċifiċi ta' politika. Madankollu, tali skemi għandhom l-ewwel ikunu eżaminati biex tkun żgurata l-kompatibilità mal-politiki Komunitarji, billi jitqies, *inter alia*, il-funzjonament xieraq tas-suq intern, il-kompetizzjoni ġusta u l-politiki Komunitarji dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

L-analiżi li ġejja tad-derogi kkonċernati twettqet f'dan l-isfond.

### *2.2.1. Karburant użat għan-navigazzjoni bl-ajru privata għal divertiment*

L-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija jistipola li l-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-taxxa l-prodotti ta' l-enerġija pprovduti għall-użu bħala karburant għall-iskop ta' navigazzjoni bl-ajru li mhix titjir privat u għal divertiment[15]. Oriġinarjament, din id-dispożizzjoni daħlet fis-seħħ fl-1993 taħt l-Artikolu 8(1)(b) tad-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali. Għalhekk, it-titjir privat u għall-divertiment ma kienx soġġett għall-eżenzjoni obbligatorja stipolata għall-avjazzjoni kummerċjali, lanqas fil-fatt ma kien jibbenifika minn xi vantaġġi tat-taxxa mhux obbligatorji skond id-Direttivi. B'kollox, għaxar Stati Membri kienu awtorizzati jidderogaw minn dawn ir-regoli għall-kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika.

[15] Safar privat u għal divertiment huwa definit bħala "l-użu ta' ajruplan minn sidu jew il-persuna naturali jew ġuridika li jgawdi mill-użu tiegħu permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għall-skopijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux jaqsam ma ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-iskopijiet ta' awtoritajiet pubbliċi".

*Kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika*

Bil-għan li t-trasport, l-ambjent u l-politika fiskali tal-Komunità jsiru iktar koerenti, il-Kummissjoni diġà ppproponiet, għall-ewwel darba fl-1996[16], li twaqqa' dawn id-derogi. Sussegwentement, il-Kummissjoni bdiet it-tneħħija gradwali ta' disgħa minn dawn id-derogi fl-2000 meta ddikjarat li dawn id-derogi għandhom jintemmu mad-dħul fis-seħħ previst tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija jew, fi kwalunkwe każ, sal-31 ta Diċembru 2002[17] l-iktar tard. Il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tbiddel l-opinjoni tagħha f'din il-kwistjoni. Tali derogi jikkrejaw distorzjonijiet fi ħdan is-suq intern, ma jirreflettux b'mod akkurat l-ispejjeż esterni negattivi tat-trasport, u jikkontradixxu wkoll l-għażliet tal-Kunsill meta adotta d-direttiva.

*Argumenti min-naħa ta' l-Istati Membri*

Xi Stati Membri jargumentaw li l-iskadenza ta' din id-deroga twassal biex toħloq il-konsegwenzi negattivi li ġejjin:

- Spejjeż għolja ta' konformità għas-settur (infrastruttura ġdida hija meħtieġa biex tiżgura li l-karburant taxxabbli u eżenti jinbiegħ separat);

- Spejjeż għolja ta' konformità amministrattiva;

- Riskju ta' turiżmu tat-tank;

- Effett negattiv fuq is-settur tat-titjir privat u għal divertiment;

**Il-Kummissjoni tikkunsidra** li in ġenerali tali argumenti mhumiex iġġustifikati. Fil-prinċipju, karburant użat għal dgħajjes privati għal divertiment ilu taxxabbli mill-1993. L-Istati Membri kellhom żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja. Mil-lat prattiku, l-introduzzjoni tat-tassazzjoni m'għandhiex toħloq problemi partikolari peress li f'kull każ, vetturi ta' l-ajru żgħar u ħfief jużaw tip differenti ta' karburant mill-ġettijiet u l-vetturi ta' l-ajru kummerċjali.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jista' jkun hemm piżijiet amministrattivi addizzjonali jew spejjeż ta' konformità assoċjati mal-bidla għat-trattament tat-taxxa l-ġdid. Madankollu, jekk tali argumenti kellhom ikunu aċċettati, dan ikun ifisser li d-derogi jkollhom jinżammu għal dejjem u għalhekk jikkontradixxu l-prinċipju ġenerali tal-politika li għandu jkun hemm limitu ta' żmien għad-derogi u għandhom jimmiraw li jegħlbu d-diffikultajiet tal-bidu waqt l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-argument dwar l'hekk imsejjaħ turiżmu tat-tank, jiġifieri rigward l-imġiba li jadottaw iċ-ċittadini li jaqsmu l-fruntieri biex japprofittaw minn prezzijiet orħos tal-karburant fi Stati Membri oħra, lanqas ma huwa validu. Jekk it-turiżmu tat-tank effettivament joħloq problema f'dan il-qasam, id-derogi li hemm bħalissa, li huma limitati għal 10 minn 25 Stat Membru, għandhom tendenza li jiggravawha iktar milli jikkontrollawha.

[16] COM (1996) 549 ta' l-14 ta' Novembru 1996.
[17] COM (2000) 678 tal-15 ta' Novembru 2000.

Għalhekk jidher li l-attività m'għandhiex tibqa' trattata b'mod iktar favorevoli minn attivitajiet oħra kumparabbli (ta' trasport jew divertiment), billi l-esternalitajiet negattivi jkunu riflessi b'mod inqas sħiħ fit-tassazzjoni.

*2.2.2. Karburant użat minn dgħajjes privati għal divertiment*

Skond l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija (li jirriproduċi l-Artikolu 8(1)(c) tad-Direttiva dwar iż-Żjut Minerali), l-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni prodotti ta' l-enerġija pprovduti għall-użu bħala karburant għall-iskop ta' navigazzjoni fl-ibħra Komunitarji (inkluż is-sajd), minbarra d-dgħajjes privati u għal divertiment[18]. Tradizzjonalment, l-Istati Membri jistgħu jestendu tali eżenzjoni għal navigazzjoni f'passaġġi ta' l-ilma interni. Madankollu, id-dgħajjes privati u għal divertiment huma esklużi b'mod espliċitu miż-żewġ dispożizzjonijiet.

L-Annessi II u III fihom total ta' sitt derogi li jawtorizzaw Stati Membri għal kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika biex japplikaw rati ta' tassazzjoni mnaqqsa jew eżenzjonijiet għall-karburant użat għan-navigazzjoni b'dgħajjes privati u għal divertiment. It-tneħħija gradwali ta' 5 minn dawn id-derogi ngħatat bidu mill-Kummissjoni fir-reviżjoni tagħha tad-derogi li wettqet fl-2000.

*Kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika*

Il-kunsiderazzjonijiet stipolati hawn fuq fir-rigward tan-navigazzjoni bl-ajru privata u għal divertiment japplikaw bl-istess mod għal każ analogu tad-dgħajjes privati u għal divertiment. Konsegwentement, it-trattament favorevoli tat-taxxa ta' karburant użat għall-attività in kwistjoni, imqabbel mal-karburant użat għal attivitajiet kumparabbli (trasport jew għal divertiment), m'għandux ikun imġedded.

*Argumenti min-naħa ta' l-Istati Membri*

Xi Stati Membri jargumentaw li l-iskadenza ta' din id-deroga tista' twassal biex toħloq il-konsegwenzi negattivi li ġejjin:

- Spejjeż għolja ta' konformità għas-settur (infrastruttura ġdida li tiżgura li karburant taxxabbli u dak eżenti mit-taxxa jinbiegħu separatament u, fil-każ ta' ċerti tipi ta' dgħajjes, il-diffikultajiet marbuta ma' l-użu doppju ta' karburant għal skopijiet ta' tisħin (li jista' jkun soġġett għal rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa) u bħala *propellant*);
- Spejjeż għolja ta' konformità amministrattiva;
- Riskju ta' frodi (speċjalment f'każijiet fejn il-karburant huwa użat hemm għal skopijiet ta' tisħin u kemm bħala *propellant*);
- Riskju ta' turiżmu tat-tank;

[18] Dgħajsa għall-użu privat jew għal divertiment għandha tfisser "kull dgħajsa użata mis-sid tagħha jew il-persuna naturali jew ġuridika li tgawdi mill-użu tagħha permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għall-skopijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux jaqsam ma' ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-iskopijiet ta' awtoritajiet pubbliċi".

– Effett negattiv fuq l-industrija tad-dgħajjes privati u għal divertiment.

**Il-Kummissjoni tikkunsidra** li in ġenerali tali argumenti, għal darba oħra, mhumiex iġġustifikati. Bosta Stati Membri li jgawdu minn derogi kellhom biżżejjed żmien biex jadattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida peress li l-karburant użat mid-dgħajjes privati ilu taxxabbli fil-prinċipju mill-1993 u t-tneħħija tad-deroga ngħatat bidu mill-Kummissjoni fl-2000. Ta' min jenfasizza wkoll li ħafna drabi l-faċilitajiet tat-tank għad-dgħajjes tad-divertiment u l-bastimenti kummerċjali jinsabu f'postijiet separati (per eżempju, marina fuq in-naħa l-waħda u port kummerċjali fuq in-naħa l-oħra).

Il-Kummissjoni tista' taċċetta għal darba oħra li jista' jkun hemm piżijiet amministrattivi addizzjonali jew spejjeż ta' konformità assoċjati mal-bidla għat-trattament tat-taxxa l-ġdid. Madankollu, l-argumenti użati hawn fuq għall-vettura ta' l-ajru f'dan il-kuntest huma validi bl-istess mod hawnhekk.

Jista' jkun hemm riskju wkoll ta' frodi marbut ma' l-użu doppju ta' l-istess karburant fuq dgħajsa waħda (li jista' jkun b'mod partikolari l-każ għad-dgħajjes li jbaħħru f'passaġġi ta' l-ilma interni). Madankollu, wieħed jista' jargumenta li riskji simili ta' frodi jeżistu f'setturi oħra fejn tip wieħed ta' karburant huwa użat mill-istess persuna għal skopijiet differenti u b'hekk dan ħoloq rata differenti tad-dazju tas-sisa (per eżempju, fil-biedja). F'kull każ, tista' tkun ta' għajnuna, f'dan ir-rigward, l-esperjenza ta' l-Istati Membri li ma jibbenefikawx minn kwalunkwe deroga fil-kwistjoni.

Fir-rigward ta' l-argument tat-turiżmu tat-tank, ta' min jenfasizza li attwalment sitt Stati Membri biss japplikaw id-deroga. Mil-lat tas-suq intern, jekk jeżiżti xi tfixkil, mela probabbilment huwa kkawżat mill-eżistenza tad-deroga nnifisha iktar milli mill-iskadenza tagħha. Fl-aħħar, għalkemm l-iskadenza tad-deroga tista' twassal għal żieda fil-prezzijiet, din hija l-konsegwenza meħtieġa ta' l-assimilazzjoni ta' l-attività in kwistjoni ma' attivitajiet kumparabbli (cf. il-kunsiderazzjonijiet tal-politika Komunitarji stipolati immedjatament hawn fuq, bħala punti analogi magħmula sub 2.2.1 hawn fuq).

### *2.2.3. Żjut użati*

Żjut użati jikkonsistu l-iktar f'lubrikanti użati minn vetturi jew magni jew żjut idrawliċi użati u huma, di natura, perikolużi. Għalhekk, għandhom jiġu miġbura u trattati b'mod li jikkawża l-inqas ħsara[19]; iż-żewġ kategoriji ġeneriċi ta' trattament huma sors ta' l-enerġija u sors materjali. Taħt l-ewwel kategorija, għal skopijiet fiskali, iż-żjut użati huma trattati bl-istess mod bħal żjut minerali oħra u għalhekk kienu soġġetti għall-qafas Komunitarju ta' dazju tas-sisa mill-1993.

Madankollu, total ta' ħdax-il Stat Membru kienu awtorizzati fil-passat, għal kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika, jeżentaw mid-dazju tas-sisa ż-żjut użati li jintużaw mill-ġdid bħala karburant, jew direttament jew wara proċess ta' riċiklaġġ f'każijiet fejn tali użu mill-ġdid ikun taxxabbli.

19 Il-politika Komunitarja dwar iż-żjut użati tmur lura għas-snin sebgħin; l-għan tagħha hi li jkunu evitati l-effetti ta' ħsara fuq l-ambjent ta' żjut użati.

*Kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika*

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija hu li jitratta d-diversi prodotti ta' l-enerġija f'kompetizzjoni ma' xulxin b'mod ugwali sabiex jiżgura li ma jseħħx tfixkil fis-suq intern. Trattament fiskali iktar favorevoli ta' ċerti prodotti ta' l-enerġija jista' jkun applikat biss jekk iġġustifikat, per eżempju, għal raġunijiet ambjentali. Madankollu, għaż-żjut użati tali ġustifikazzjoni ma teżistix, mill-perspettiva tal-lum. Fl-"Istrateġija Tematika dwar il-Prevenzjoni u r-Riċiklaġġ ta' l-Iskart" tagħha adottata f'Diċembru 2005[20], il-Kummissjoni esprimiet li l-għan ċentrali hu li tiżgura l-ġbir taż-żjut użati kollha u t-trattament tagħhom fi stallazzjonijiet ikkontrollati, filwaqt li jkunu rrispettati l-limiti ta' l-emissjonijiet stipolati mil-leġiżlazzjoni Komunitarja. L-Istrateġija timmira li toħloq kundizzjoni uniformi bejn id-diversi użi sussegwenti tal-materja prima miġbura, billi jitqies l-impatt ambjentali ta' kull użu; tiffavorixxi kompetizzjoni bejn it-teknoloġiji ta' trattamenti differenti, li l-iktar jilħqu l-ħtiġijiet u li jappoġġjaw l-innovazzjoni.

Għalhekk, trattament fiskali iktar favorevoli taż-żjut użati kieku jkun inkonsistenti mal-politiki fiskali u ambjentali Komunitarji, peress li kieku jiffavorixxi ż-żjut użati fuq prodotti ta' l-enerġija oħra li jikkompetu direttament, u fl-istess ħin kieku jiffavorixxi kategorija ġenerika ta' trattament taż-żjut użati fuq oħrajn.

*Argumenti min-naħa ta' l-Istati Membri*

Mill-konsultazzjoni mwettqa ma' l-Istati Membri kkonċernati jidher li ħafna minnhom jikkunsidraw li hemm raġunijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali favur l-eżenzjoni mit-taxxa (madankollu, mingħajr ma jispeċifikaw għaliex f'dettall kbir), b'mod partikolari kif ġej:

– L-eżenzjonijiet mit-taxxa applikati fuq iż-żjut użati għall-użu bħala karburant jew direttament jew wara l-ipproċessar mill-ġdid jiffavorixxu l-ġbir ta' tali żjut;

– L-ammont ta' żjut użati mhux għoli biżżejjed biex il-ġbir u r-riġenerazzjoni jkunu ekonomikament vijabbli. Eżenzjoni mit-taxxa għall-ħruq talanqas tiżgura li ż-żjut użati mhumiex qed jintremew.

**Il-Kummissjoni tikkunsidra** li tali kunsiderazzjonijiet għal darba oħra ma jiġġustifikawx il-fatt li jkun iffavorit użu wieħed possibbli tal-materja prima fuq ieħor permezz tat-tassazzjoni. Id-data miġbura fuq perjodu ta' żmien ma tikkonferma l-ebda korrelazzjoni bejn l-eżenzjoni mit-taxxa u r-rata tal-ġbir miksuba, fuq in-naħa l-oħra; pjuttost tikkonferma li l-eżenzjoni mit-taxxa tiffavorixxi wieħed miż-żewġ trattamenti ġeneriċi[21].

Ta' min jenfasizza li ż-żjut użati għandhom, f'kull każ, jinġabru u wara jiġu trattati fi stallazzjonijiet ikkontrollati. Miżuri mmirati direttament biex jiżguraw il-ġbir (per eżempju, is-sussidji diretti, iż-żieda fil-kuxjenza pubblika) jidher li jkunu strument immirat aħjar għal tali skopijiet. Flimkien ma' dan, il-prezz li dejjem qed jogħla taż-żjut użati donnu jindika li hemm domanda biżżejjed għalihom fis-suq u li, bi prezzijiet taż-żejt għolja, iż-żjut użati qed dejjem isiru iktar attraenti bħala alternattiva rħisa għal prodotti oħra ta' l-enerġija. Fl-aħħar, ta' min jenfasizza li bosta mill-użi bħala karburant taż-żjut użati (bħal, fil-kalkara tas-siment,

---

[20] COM (2005) 666 tal-21 ta' Diċembru 2005.

[21] Għal iktar dettalji ara, per eżempju, ir-rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart tal-Komunità (COM(1999) 752 ta' l-10 ta' Jannar 2000, COM (2003) 250 tal-11 ta' Lulju 2003). Iktar tard din is-sena se jkun ippubblikat rapport ġdid.

xogħol tal-franka, xogħol ta’ l-azzar, jew fil-barrieri) ma jaqgħux fl-ambitu tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija.

*2.2.4. Derogi b’ambitu reġjonali*

Fil-passat, xi Stati Membri kienu awtorizzati japplikaw tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxa għal skopijiet speċifiċi ta’ politika f’ċerti żoni jew reġjuni ġeografiċi marbuta jew ma’ l-iżvilupp ekonomiku jew ma’ partikularitajiet ġeografiċi (klima, lokalizzazzjoni) ta’ tali żoni. Barra minn hekk, ċerti skemi reġjonali ġew implimentati bil-għan li jiskoraġġixxu t-turiżmu tat-tank.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, hemm żewġ problemi li jistgħu jinħolqu u li huma konnessi ma’ dan il-grupp ta' derogi:

L-ewwelnett, u skond il-każ, jista’ jkun hemm strumenti li huma adattati kompletament (u forsi aħjar) biex jiksbu l-istess għan, i.e. jegħlbu l-iżvantaġġi li jbatu minnhom ċerti żoni, iżda li ma jaffetwawx il-benefiċċji mill-armonizzazzjoni tad-dazji tas-sisa fuq il-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku. Tali strumenti jistgħu, per eżempju, jirrelataw ma’ politika ta’ koeżjoni.

It-tieni, għandu jitqies l-interess f’kompetizzjoni bla tfixkil f’suq intern. Il-kunċett ta’ rati minimi jservi dan l-interess; jekk meħtieġ, ir-rati minimi jistgħu jiġu aġġustati.

Kollox ma’ kollox, jidher fuq analiżi bil-għaqal li d-derogi in kwistjoni m'għandhomx jiġu mġedda.

*2.2.5. Derogi diversi*

Numru limitat ħafna ta’ derogi ma jaqgħu taħt l-ebda mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Dan jikkonsisti minn tnaqqis fit-taxxa applikat għall-petrol imqassam minn stazzjonijiet tal-petrol b'tagħmir apposta għal dan il-għan. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, ir-raġuni għall-għoti ta’ tali derogi jidher li m’għadhiex valida. Filwaqt li meta l-miżura ġiet introdotta għall-ewwel darba setgħet serviet biex tinkuraġġixxi l-introduzzjoni ta' tali tagħmir, huwa loġiku li d-deroga għandha titwaqqaf.

Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw għal deroga oħra f’dan il-grupp, jiġifieri l-eżenzjoni mit-taxxa għall-faħam, il-kokk u l-faħam artab kannella (*lignite*), li l-iskadenza tagħha ġiet stabbilita għal l-1.1.2007. Ta’ min jenfasizza li l-estensjoni ta’ l-ambitu tal-leġiżlazzjoni Komunitarja minn żjut minerali għal prodotti l-oħra kollha f’kompetizzjoni bħal gass naturali, elettriku u karburanti solidi kien il-prinċipju ewlieni li fuqu kienet ibbażata l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija. Fl-istess ħin u madankollu, kif imsemmi fis-subsezzjonijiet 2.1.3 u 2.1.4 hawn fuq, id-Direttiva fiha diversi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri japplikaw trattament ta’ taxxa iktar favorevoli għall-prodotti taxxabbli ġodda, kemm għall-użu fid-djar kif ukoll għal dak kummerċjali li jista jkun implimentat mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill.

## 3. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin ibbażati fuq l-analiżi ta’ hawn fuq:

Fejn Stati Membri jistgħu jsegwu l-għanijiet ta’ ċerti derogi skond id-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija (subsezzjoni 2.1 hawn fuq), l-ebda

estensjoni mhi meħtieġa u konsegwentement jidher li l-ebda passi oħra m'huma meħtieġa, forsi bil-kundizzjoni ta' xi adattamenti żgħar[22].

Għad-derogi li jikkorrispondu ma' għanijiet mhux meqjusa mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva, din il-Komunikazzjoni tifforma parti minn sfond li fuqu l-Istati Membri għandhom jibbażaw l-assessjar tal-pożizzjoni tagħhom, fid-dawl ta' l-iskadenza ta' tali derogi. F'każ li Stat Membri individwali jikkunsidraw li għal kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika huma għad għandhom bżonn deroga mid-Direttiva, jistgħu jressqu talba lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva. Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi assessjata fuq il-merti tagħha, billi jitqiesu b'mod partikolari l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta kif ukoll il-politiki dwar l-ambjent, l-enerġija u t-trasport tal-Komunità (cf. l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar lill-Istati Membri biex jinotifikawha bil-quddiem dwar il-miżuri kollha tat-taxxa li jistgħu jikkostitwixxu għajnuna ta' l-Istat sabiex jiġu assesjati skond ir-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat[23]. B'mod iktar ġenerali, l-istrumenti fiskali għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha rilevanti tat-Trattat.

Fl-aħħar, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskadenza tal-biċċa l-kbira tad-derogi għandha titqies bħala opportunità biex jinkisbu trasparenza u koerenza ikbar fil-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq l-enerġija, u dan jiżgura li d-Direttiva tkun stument aħjar għas-servizz ta' l-Istati Membri u l-Komunità u l-għanijiet ġenerali tagħhom ta' żvilupp sostenibbli u ta' l-Istrateġija ta' Liżbona.

---

22 Cf. Subsezzjoni 2.1.3 hawn fuq.

23 Ara, b'mod partikolari, il-premessa 32 tad-Direttiva.